# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum l-20 ta' Diċembru 2022**

**Appell numru 243 tal-2019**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Clifford GATT BALDACCHINO**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar id-9 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' Clifford GATT BALDACCHINO, K.I. 92088M fejn (in suċċint) ġie mixli talli f'diversi ħinijiet matul il-ġurnata tat-28 t'Awissu 2010 ġewwa dawn il-gżejjer:
   (a) Għamel użu ħażin minn apparat ta' komunikazzjoni bi ksur tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
   (b) Ikkaġuna lil Stephanie Agius il-biża li se tintuża vjolenza kontra tagħha bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali;
   (c) Iffastidja lil Stephanie Agius bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kodiċi Kriminali;
   (d) Kiser ordni ta' protezzjoni u dan kontra dak dispost fl-artikolu 412Ċ(11) tal-Kodiċi Kriminali; u
   (e) Kiser il-provvedimenti ta' sentenza ta' priġunerija sospiża mogħtija kontra tiegħu fit-23 t'Awissu 2009.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-

imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat appellant, u rat <u>l-ammissjoni inkondizzjonata</u> tal-imputat sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' disa' xhur priġunerija flimkien ma multa t'elf euro filwaqt li ordnat li s-sentenza ta' sitt xhur priġunerija li kienu sospiżi għal sentejn jidħlu fis-seħħ u inoltre ħarġet ordni ta' trażżin fis-sensi tal-artikolu 382A u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u dan bi protezzjoni ta' Stephanie Agius għal perjodu ta' ħames snin.

3. Rat ir-rikors tal-appell intavolat mill-ħati u li permezz tiegħu talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti konċernanti l-ħtija filwaqt li tħassarha f'dik il-parti li tikkonċerna l-piena u minflok timponi piena iżjed idonea għaċ-ċirkostanzi tal-każ, u dan wara li saħaq, in suċċint, illi f'dan il-każ l-appellant kien aġixxa b'mod li ma kienx fin-natura solita tiegħu; huwa kien għadu kif spiċċa mir-relazzjoni li kellu mal-vitma, li dak iż-żmien kien iħobb, u li dan il-fatt wassal biex huwa ħassu psikoloġikament mkisser. Filwaqt li ddikjara li għaraf li l-imġieba tiegħu xejn ma kienet tajba huwa saħaq li kellu bżonn lil min jgħinu jegħleb dawn id-diffikultajiet fl-istat personali tiegħu u li piena karċerarja effettiva ma kienetx sejra twassal biex tfejqu, iżda tkompli tkissru in kwantu tkisser il-karriera professjonali tiegħu ta' footballer professjonista.

4. Rat id-dokumenti kollha eżebiti fl-atti u fliet ix-xiehda tax-xhieda u l-argumenti sottomessi fit-trattazzjoni ta' dan il-każ;

5. Rat illi permezz ta' digriet konċedenti l-ħelsien mill-arrest minn din il-Qorti diversament presjeduta tat-13 ta' Settembru 2019, din il-Qorti kienet, minbarra li akkordatlu l-ħelsien mill-arrest pendenti l-proċeduri tal-appell, ordnatlu wkoll li joqgħod taħt id-direzzjonijiet ta' uffiċjal tal-probation, li jiġi eżaminat mill-Psikjatra Dottor Mark Xuereb filwaqt li tqiegħed ukoll taħt ordni ta' trattament.

6. Meta imbagħad dan l-appell ġie assenjat lil Qorti kif presjeduta, din il-Qorti setgħet tieħu wkoll l-informazzjoni mingħand l-Uffiċjal tal-Probation appuntat, Anabel Bugeja, grazzi għad-diversi rapporti u aġġornamenti li din resqet matul il-kors tas-smiegħ ta' dan l-appell. Setgħet ukoll tikkonstata l-imġieba tal-appellant skont l-istħarriġ magħmul mill-Psikjatra Mark Xuereb u l-iżviluppi fattwali li għamel skont ix-xiehda tal-Psikoterapewta Ria Gollcher.

**Ikkunsidrat**

7. F’dan il-każ il-vjolenza domestika eżerċitata fuq il-vitma ma kienetx daqstant fiżika daqskemm psikoloġika billi fil-perjodu qasir wara li ntemmet ir-relazzjoni ta’ bejniethom l-appellant kien iċemplilha diversi drabi u kien baqa’ jsus warajha jew inemsilha. Dan l-aġir ma għoġob xejn lil vitma tant li ħasset li kellha tikkwerela lill-appellant lill-pulizija għal iżjed minn darba. Minkejja dan, u anke l-ħruġ t’ordni ta’ protezzjoni, l-appellant kien baqa’ jiffastidjaha b’diversi telefonati. Il-vitma minn naħa tagħha ma kienetx tirrispondihom. Din l-imġieba kienet qegħda ddejjaqha u toħolqilha biża’ li setgħet tintuża vjolenza kontra tagħha.

8. Mal-Pulizija l-appellant stqarr li wara li kienu ilhom f’relazzjoni għal madwar sentejn il-vitma kienet ħasret din ir-relazzjoni madwar xahar u nofs qabel l-akkadut. Din id-deċiżjoni ma kienx ħadha sew. L-appellant kien baqa’ jsegwi lill-vitma b’telefonati eċċetra. Il-vitma kienet għamlet proċeduri bil-Pulizija kontra tiegħu tant li fis-17 t’Awissu 2019 kienet inħarġet ordni ta’ protezzjoni temporanja favur il-vitma. Din pero ġiet miksura minnu u fit-23 t’Awissu 2019 kien tressaq il-Qorti, ġie misjub ħati u kundannat għall-piena ta’ sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn. Ġara pero li mbagħad fit-28 t’Awissu 2019 l-appellant kien reġa ċempel lil vitma. Huwa jgħid li reġgħa ċemplilha minħabba li l-paga tiegħu hu kien jirċeviha fil-kont bankarju tal-vitma u din ma kienetx għaddietlu l-aħħar paga li kellu jirċievi. Wara li kien irraporta għax-xogħol huwa mar ibiddel il-kont fejn kienet tidħollu l-paga tiegħu. L-appellant stqarr li huwa tahom struzzjonijiet biex jibdlu l-kont fejn jirċievi l-paga għall-kont personali tiegħu mill-paga li jmiss. B’hekk huwa kien kostrett li jipprova jikkuntatja lill-vitma biex jgħidilha tgħaddilu l-paga tiegħu. L-ewwel għamel dan billi jgħid li kellem lill-Avukat tiegħu jgħidilha tgħaddilu dawn il-flus; iżda l-vitma ma rrisponditux. Kien għalhekk li fit-28 t’Awissu 2019 prova jċemplilha biex jagħmlu l-ħajja faċli u tgħaddilu l-paga tiegħu bl-internet banking. F’dan is-sens kien ukoll bagħtilha email, iżda baqa bla tweġiba. Jistqarr ukoll li dakinhar stess kien mar Selmun jgħum u hemmhekk niżel ħdejn il-blat iżda ġara li sab lil vitma ma wiċċu flimkien ma habiba tagħha. Kif ra hekk dawwar denbu, telaq lil hemm u ċempel lill-avukat tiegħu fejn qallu li sabha ma wiċċu, iżda ma kellimhiex.

9. B’xorti tajba f’dan il-każ ma jirriżultax li kien hemm vjolenza fiżika eżerċitata fuq il-vitma. Iżda kien hemm dawn l-episodji persistenti fejn l-appellant prova jagħmel kuntatt mal-vitma li minn naħa tagħha bdiet tħoss dawn l-episodji bħala fastidjanti u li anke bdew inisslu

fiha biża li setgħet tintuża vjolenza kontriha. L-appellant żbalja bil-kbir meta baqa' jipprova jippersisti li jkellem lill-vitma meta din, bl-iżjed mod ċar, urietu li ma riedetx taf iżjed u saħansitra ħarġet ordni ta' protezzjoni favur tagħha.

10. Din il-Qorti tifhem li jkun hemm sitwazzjonijiet fejn diversi persunili jkunu f'relazzjoni jsiru dipendenti psikoloġikament fuq dik ir-relazzjoni. Tifhem ukoll li jħossuhom ħażin meta r-relazzjoni tispiċċa. Tagħraf ukoll li wħud minnhom ma jkunux iridu jaffrontaw dik ir-realta u jaċċettaw id-deċiżjoni li l-parti l-oħra tkun ħadet. Iżda dan l-uġiegħ bl-ebda mod ma jista' jawtorizza lil dawn il-persuni li jinkorru f'imġieba li b'xi mod tista' twassal għal fastidju tal-persuna li tkun temmet ir-relazzjoni, jew biża li tista' ssir vjolenza fuq il-vitma.

11. Jista' jkun verament każ fejn il-persuna li ma tkunx trid taċċetta li r-relazzjoni spiċċat ma tkunx trid tagħmel ħsara lil vitma, u l-anqas tasal li tagħmillha xi ħsara fiżika; jista' jkun ukoll li dak li tkun qegħda tagħmel meta tipprova tikkuntatja lil dik il-persuna l-oħra huwa sabiex tipprova tikkonviċiha terġa lura mid-deċiżjoni tagħha li tħassar ir-relazzjoni. Iżda minkejja dan il-motivi, li jistgħu ma jwaslux għal episodji ta' vjolenza fiżika, l-imġieba ta' min jibqa' jipprova jippersisti li jikkonvinċi lil vitma ddawwar ħsiebha jew jibqa' jipprova jsus wara l-vitma jew isegwi l-movimenti tagħha meta l-vitma ma tkunx trid li tirċievi dawk it-tentattivi jew dawk l-avvanzi iżjed jew saħansitra tkun qed tħossha imdejqa bihom,[1] bla dubju ta' xejn iwaslu għal forom ta' fastidju jekk mhux vjolenza psikoloġika.

12. F'dan il-każ l-appellant ammetta ħtijietu u ġie sentenzjat. Il-kwistjoni mqajma minnu hija dwar il-piena li ġiet imposta fuqu. M' hemmx dubju li għal dan l-għemil, b'mod partikolari meta jkun kommess f'kuntest domestiku, irid jiġi mrażżan b'pieni li jkunu idoneji għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Kull każ ta' vjolenza domestika għandu karatteristiċi speċifiċi u ċirkostanzi partikolari għalih u l-piena trid tiġi mfasla fuq dawn il-kriterja u mhux tkun ikkargata jew imtaffija skont kriterji ideoloġiċi iżda skont prinċipji legali ċari. Dan peress li l-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u

---
[1] Ara l-artikolu 251Ċ tal-Kodiċi Kriminali.

(c) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena

13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża li teħel il-piena, persuna tiġi mġegħela tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi : wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-Liġi. Jekk il-kollettivita titlef din il-biża mill-piena minħabba li l-Liġi penali tibda' titnaqqar fil-kwalita jew kwantita tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni

ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa.

17. F'dan il-kuntest il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

18. F'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena għalhekk, din il-Qorti trid, qabel xejn tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal li timponi dik il-piena li tkun erogat fis-sentenza tagħha fis-sens li din il-Qorti tistħarreġ jekk dik il-piena kienetx taqa' fil-parametri legali, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva. Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the

sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."[2]

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

19. Din il-Qorti trid tevalwa jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiż nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli għall-offiża in kwistjoni u għaċ-ċirkostanzi tal-ħati u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

20. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

21. F'dan il-każ, il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet ta' disa' xhur priġunerija flimkien ma multa t'elf euro; filwaqt li dik il-Qorti ordnat li s-sentenza ta' sitt xhur priġunerija li kienu sospiżi għal sentejn jidħlu fis-seħħ. Inoltre ħarġet ordni ta' trażżin bi protezzjoni ta' Stephanie Agius għal perjodu ta' ħames snin fis-sensi tal-artikoli 382A u 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Għalkemm il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) korrettement immotivat is-sentenza tagħha b'raġunijiet li wasluha għall-piena, kif ukoll inkludiet l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali fost l-artikoli li kkonsidrat biex waslet għal dik il-piena, mill-banda l-oħra ma spjegatx <u>**kif**</u> kienet qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 u <u>**kif**</u> dawn huma riflessi fil-piena erogata. Mhux ċar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kkunsidratx l-ewwel imputazzjoni bħala mezz biex isiru t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. Huwa minnu li t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet setgħu ġew kommessi indipendentement mill-ewwel imputazzjoni, iżda f'dan il-każ, jirriżulta li kien hemm mit-tnejn.

22. Fid-dawl tal-iskiet tal-Qorti fuq dan il-punt, jista' jkun li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma qiesetx li l-ewwel imputazzjonijiet serviet bħala mezz għall-fini tat-twettieq tat-tieni jew tat-tielet imputazzjoni: peress li kieku kien hekk ma kienetx tapplika l-piena tal-multa ta' elf euro iżda tapplika l-piena tal-multa ferm għola msemmija fl-artikoli regolanti t-tieni imputazzjoni (multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (4,658.75) u mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87)) jew it-tielet imputazzjoni (multa ta' mhux inqas minn ħamest elef euro (€5,000) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000)).

23. Dan pero ma għamlitux u minflok imponiet il-multa ta' elf euro (€1000). Din b'hekk tista' tinftiehem li ġiet mogħtija mill-ewwel Qorti

fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni peress li din kienet tipprovdi multa li dak iż-żmien ma kellhiex minimu iżda kellha massimu ta' €23,293.73. Pero l-applikazzjoni tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali mhux diskrezjonarju fuq il-Qorti. Għalhekk jekk kien jirriżulta li l-ewwel imputazzjoni kienet kommessa bħala mezz biex isir reat ieħor (kif jidher li ġara f'dan il-każ) allura l-Qorti tal-Maġistrati kellha tagħti l-piena għar-reat iżjed gravi - f'dan il-każ ir-reat l-iżjed gravi kien fit-tielet imputazzjoni - flimkien ma dik imsemmija fit-tieni imputazzjoni skont kif kienu fiż-żmien tal-kommissjoni tar-reat fis-sens tal-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali.

24. Imbagħad stante fis-sensi tal-istess artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali, ir-reati msemmija fit-tieni, tielet u r-raba' imputazzjonijiet kienu jġorru pieni li jnaqsu għal żmien il-liberta' personali huwa kellu jiġi kundannat għall-piena l-iżjed gravi biż-żieda minn terz san-nofs tal-pieni l-oħra kollha meħudin flimkien. F'dan il-każ, il-piena applikabbli għat-tieni imputazzjoni fiż-żmien meta ġie kommess id-delitt kienet dik ta' priġunerija bejn tliet xhur u sitt xhur; mentri dik imsemmija fit-tielet imputazzjoni kienet il-piena maġġuri b'piena ordinarja ta' priġunerija li tvarja minn sitt xhur sa sentejn; mentri dik imsemmija fir-raba' imputazzjoni kienet piena ta' priġunerija li ma timponix minimu, iżda kienet timponi massimu ta' sentejn priġunerija. B'hekk piena ta' disa' xhur priġunerija setgħet titqies li kienet piena li taqa' fil-parametri tal-pieni li kienu applikabbli.

25. F'dan il-każ pero, ir-reat ġie mwettaq fuq il-persuna ta' dik li kienet is-sieħba tal-appellant. Issa dan il-fatt suppost li ġab miegħu il-konsegwenza ta' żieda fil-piena, tassattiva, imsemmija fl-artikolu 251H(1) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li l-pieni li huma msemmija għar-reati misjuba fl-artikoli 251 sa' 251G, it-tnejn inklużi (u allura kemm għar-reat imsemmi fit-tieni kif ukoll fit-tielet imputazzjoni) għandhom jiżdiedu bi grad jew żewġ gradi meta d-delitt ikun twettaq kontra l-konjuġi jew is-sieħba preżenti jew ta' qabel, jew fejn id-delitt ikun twettaq ripetutament, u għax l-akkużat kien qabel instab ħati ta' delitti ta' natura simili. Dawn huma ċirkostanzi aggravanti li l-Qorti tal-Maġistrati kellha prova tagħhom u li allura kienet tenuta li żżid il-piena msemmija bi grad jew tnejn. Din iż-żieda tal-piena bi grad jew tnejn kienet tfisser li l-piena tal-priġunerija riedet tiżdied skont l-iskajjel imsemmija fl-artikolu 31(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali mentri l-piena tal-multa kellha tiżdied ukoll bil-grad skont kif imsemmi fl-artikolu 31(1)(f) tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi li t-tlugħ mill-piena tal-multa jsir għall-priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur, u l-inżul isir għall-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet. Din iż-żieda

għalhekk kienet tipprekludi lil Qorti milli tapplika l-piena tal-multa għal dawn iż-żewġt reati u kienet marbuta li tapplika piena ta' priġunerija miżjuda kif se jingħad.

26. B'żieda tal-piena minima ta' priġunerija allura kien ifisser li l-Qorti riedet iżżid il-piena tal-priġunerija skont l-iskala tal-pieni fil-minimum imsemmija fuq in-naħa tax-xellug tal-paragrafi (xiii) u (xii) tal-artikolu 31(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi titla' mill-minimu msemmi mill-iskala fil-paragrafu (xiii) (ħames xhur li huwa l-eqreb lejn il-minimu ta' sitt xhur fuq dik l-iskala tal-pieni fil-kolonna tal-minimi fuq in-naħa tax-xellug) u ż-żieda bi grad kienet tfisser li l-minimu ta' sitt xhur priġunerija jitla' għal seba' xhur priġunerija fir-rigward tal-piena stabbilita fit-tielet imputazzjoni.

27. Imbagħad il-minimu ta' tliet xhur previst għat-tieni imputazzjoni ried jiżdied skont l-iskala tal-pieni fil-minimum imsemmija fuq in-naħa tax-xellug tal-paragrafi (xiv) u (xiii) tal-artikolu 31(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali billi titla' mill-minimu msemmi mill-iskala fil-paragrafu (xiv) (xahrejn li huwa l-eqreb lejn il-minimu ta' tliet xhur fuq dik l-iskala tal-pieni fil-kolonna tal-minimi fuq in-naħa tax-xellug) u meta jiżdied bi grad kien ifisser li l-minimu ta' xahrejn priġunerija jitla' għal ħames xhur priġunerija fir-rigward tal-piena stabbilita fit-tielet imputazzjoni.

28. Ir-raba' imputazzjoni imbagħad ma għandhiex piena stabbilita fil-minimu.

29. Dan allura jfisser illi anke li kieku l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ħadet kont tal-piena awmentata iżda fil-minimum tagħha fir-rigward tat-tielet u t-tieni imputazzjoni kif kienet dak iż-żmien, u qieset l-ewwel imputazzjoni bħala assorbita għall-fini ta' piena fit-tielet imputazzjoni minħabba r-rabta tal-mezz għall-fini kif imsemmi iżjed il-fuq, xorta waħda kienet taqa' fil-parametri tal-piena in kwantu dik il-Qorti erogat il-piena ta' disa' xhur priġunerija. F'dan il-każ, il-piena miżjuda kienet tammonta għal minimum ta' seba' xhur priġunerija għat-tielet imputazzjoni u piena fil-minimum ta' xahar u għoxrin jum fir-rigward tat-tieni imputazzjoni. Ir-raba' imputazzjoni ma għandhiex minimum. B'hekk id-disa' xhur priġunerija f'dan il-każ kienu jirrappreżentaw il-minimu erogabbli fi kwalunkwe każ.

30. Biss, għar-raġuni imsemmija iżjed il-fuq, il-piena tal-multa, ġaladarba l-ewwel imputazzjoni kellha tiġi għall-fini tal-piena meqjusa assorbita fit-tielet imputazzjoni, inkwantu r-reat imsemmi fl-

ewwel imputazzjoni ġie kommess bħala mezz biex ikun jista' jitwettaq ir-reat imsemmi fit-tielet imputazzjoni – u possibilment anke dak fit-tieni imputazzjoni – allura għar-reat imsemmi fl-ewwel imputazzjoni kellha tingħata l-piena flimkien mat-tielet imputazzjoni. U ġaladarba dik il-piena kellha tingħata skont kif legalment awmentata minħabba ż-żienda msemmija fl-artikolu 251H tal-Kodiċi Kriminali, il-piena tal-multa għall-ewwel reat ma tistax tibqa' tiġi miżmuma fis-seħħ.

31. L-anqas ma din il-piena tal-multa tista' titqies li tista' tinżamm fis-seħħ b'riferenza għar-raba' imputazzjoni in kwantu l-multa preskritta għar-reat imsemmi f'dik l-imputazzjoni hija waħda fissa fl-ammont ta' sebat elef euro (€7000). Elf euro multa (€1000) għalhekk hija ferm il-bogħod mill-minimum li setgħet ġie erogata taħt din l-imputazzjoni numru erbgħa. B'hekk ġaladarba r-raba' imputazzjoni ma tippreskrivix minimum fil-piena ta' priġunerija, jista' jitqies li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet applikat il-piena ta' priġunerija wkoll għall-fini tar-raba imputazzjoni kif riflessa fid-differenza, alkwantu minuskola, li jirriżulta bejn il-minimum statutorju stabbilit għat-tieni u t-tielet imputazzjoni u dak preskritt fis-sentenza.

32. Biss kif spjegat iżjed il-fuq kien ikun iżjed ideali kieku l-Qrati tal-Maġistrati (Malta) jispjegaw aħjar kif ikunu waslu għall-erogazzjoni tal-pieni biex is-sitwazzjoni tkun ċara mill-kliem tas-sentenza innifisha u ma jkunx jeħtieġ li din il-Qorti tipprova tifhem kif dik il-Qorti setgħet waslet għall-piena minnha imsemmija fis-sentenza mis-sens. Dan huwa aktar u aktar meħtieġ fil-każ fejn ikun hemm ammissjoni mill-imputat u fejn allura kwalunkwe eventwali appell ikunu jista' jsir mill-piena li tkun inflitta.

33. Apparti dawn il-konsiderazzjonijiet tekniċi, jibqa' l-fatt li r-reati li tagħhom ġie misjub ħati l-appellant huma ta' natura serja. Ir-reati ta' fastidju u kaġunar ta' biża ta' vjolenza kemm b'azzjoni fiżika, ta' preżenza jew bl-użu ta' mezzi elettroniċi kif ukoll il-ksur ta' ordni ta' protezzjoni huwa reat serji. Anzi jassumu karattru iżjed serju meta jkunu mwetqin f'kuntest fejn il-ġudikabbli ma jkunx qagħad mal-ordni tal-Qorti u saħansitra jkun għamel att jew atti li jisfidaw u jiksru dik l-ordni; b'mod partikolari meta dik l-ordni tkun ordni ta' protezzjoni. Naturalment din mhix imġieba li b'xi mod tista' tiġi ġustifikata, inkluż f'każ ta' din in-natura. Fi ftit kliem, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet – u anzi kellha – fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fl-istat tal-atti li kellha quddiemha, li teroga dik il-piena ta' priġunerija effettiva għal dan il-ksur tal-Liġi.

34. Biss din il-Qorti, kif imsemmi fis-sentenza **Butler** aktar il-fuq imsemmija, tkun lesta li tieħu in konsiderazzjoni wkoll ta' xi cirkostanzi sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza u li b'xi tkun tikkostitwixxi raġuni valida li bis-saħħa tagħha din il-Qorti tkun tista' tirrevedi l-piena li tkun mistħoqqa fil-każ partikolari.

35. F'dan il-każ, ir-rapporti tal-Uffiċjal tal-Probation kienu konsistenti b'mod li juru mhux biss li l-appellant verament sogħob bih għall-fastidju li ta lil vitma, iżda anke ħadem bi sħiħ fuq il-problemi li huwa kellu biex itejjeb ħajtu. Dan jirriżulta li għamlu b'impenn skond kif deskritt sew mill-Uffiċjal tal-Probation. L-appellant segwa wkoll mill-qrib l-ordni ta' trattament impost fuqu billi mar għand il-Psikjatra Mark Xuereb. Mix-xiehda tal-Psikjatra jirriżulta ċar li l-appellant ma għandux problemi psikjatriċi u l-imġieba tiegħu li waslitu jikkommetti r-reati ta' fastidju et al, kienet dovuta għal episodju li l-psikjatra ddefinieh bħala ta' inkwiet żejjed għall-appellant, li kien dejjem koperattiv:

> he wants to get over the situation kif jghidu bl-Ingliz, irid ikompli b'hajtu, habrieki filwaqt li ovvjament ma jixtieq deni lil hadd, issa ovvjament ghall-parti l-ohra ma ghandux rancore kif nghidu bit-Taljan, bazikament dejjem ikkollabora, jigifieri bazikament din l-anqas kienet problema psikologika, kienet more an acute stress reaction temporanja transitorja. But now he is looking forward for the future.

36. Fattur ieħor li kien importanti daqskemm inkoraġġanti f'dan il-każ huwa li l-appellant inkariga psikoterapewta privat biex huwa jkun jista' jaħdem fuqu nnifsu. A differenza tal-Uffiċjal tal-Probation u l-Psikjatra, din il-professjonista ma kienetx imqabda mill-Qorti bħala espert tekniku u għalhekk l-opinjoni professjonali tagħha hija projbita milli tittieħed bi prova. Iżda l-kostatazzjonijiet fattwali magħmulin minnha f'dan il-każ urew li l-appellant ħadem fuqu nnifsu, attenda għas-sessjonijiet kollha li kellu magħha, ħadmu flimkien fuq aspetti karatterjali tiegħu li fil-fatt, mir-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation irriżulta li kienet fil-bażi ta' dak li wassal biex il-vitma kienet iddeċidiet li tħassar ir-relazzjoni minn miegħu, ħadmu biex anke jagħraf kif iġib ruħu aħjar fir-relazzjoni ma ibnu kif ukoll ma partners oħra tiegħu fil-ġejjieni.

37. F'dan il-każ din il-Qorti ġiet konvinta li reviżjoni fil-modalita tal-piena kienet meritevoli. Dil-Qorti lesta li tieħu in konsiderazzjoni wkoll iċ-cirkostanzi sussegwenti għas-sentenza tal-Qorti tal-

Prim'Istanza fejn ikun jidher li l-appellant tgħallem lezzjoni importanti f'ħajtu dwar il-ħtieġa li jirrispetta lil persuni l-oħra u d-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu minnhom u li jirregola l-imġieba tiegħu b'mod matur u ċivili. Iżda l-Qorti trid ukoll tara r-rispett lejn ordnijiet tal-awtoritajiet kompetenti, il-ħtieġa li l-appellant jobdi ordnijiet tal-Qorti kelma b'kelma, b'mod sħiħ mingħajr tiġbid, kwistjonijiet jew kavillar żejjed. Jekk jonqos milli jagħmel dan fil-ġejjieni, ma jistax jgħid li ma kienx jaf bil-konsegwenzi jew li ma ngħatax ċans jibdel id-direzzjoni ta' ħajtu.

38. Dan irid jittieħed fl-isfond li l-fedina penali tal-appellant kienet netta għajr ħlief għal dak l-inċidenti waħdieni preċedenti għal dak li wassal għal dan il-każ, fi spazju ta' ftit jiem. Imma minbarra dak, il-fedina penali tal-appellant kienet nadifa. Inoltre, l-Qorti tqis ukoll l-importanza li fl-aħħar mill-aħħar l-appellant mhux biss ammetta ħtijietu iżda anke ħadem biex itejjeb lilu nnifsu u jħares il-quddiem.

# Deċide

**Li għall-motivi premessi, il-Qorti, qegħda tilqa' l-appell in parte billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati, tħassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):**

**(a) ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' disa' xhur priġunerija effettiva,**
**(b) fejn ordnatu jħallas multa ta' elf euro u**
**(c) fejn ordnat li s-sentenza ta' sitt xhur priġunerija sospiżi għal sentejn tiġi fis-seħħ.**

**Minflok din il-Qorti:**

**(a) Kwantu għal dak li jirrigwarda s-sejbien ta' ħtija għar-rigward tal-ewwel, tieni, tielet u r-raba' imputazzjonijiet u l-konsiderazzjonijiet fir-rigward tagħhom iżjed il-fuq imsemmija, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tikkundanna lill-ħati għall-piena komplessiva ta' disa' xhur priġunerija iżda tordna li dik is-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sentejn millum il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija. Il-Qorti qiegħda wkoll tagħti spjegazzjoni tal-import ta' din is-sentenza u qed tispjega lil ħati**

bi kliem ċar ir-responsabbilita’ tiegħu taħt l-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li għalih hemm piena ta’ priġunerija;

(b) Kwantu għal dak li jirrigwarda l-ħames imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali, peress li tqis, għar-raġunijiet spjegati iżjed il-fuq, li dan il-każ huwa meritevoli li ma tiġix imqegħda fis-seħħ is-sentenza ta’ priġunerija ta’ sitt xhur sospiżi għal sentejn, tagħżel li tibdel l-ordni oriġinali fis-sens li l-perjodu operattiv ta’ sentejn imsemmi f’dik is-sentenza għandu jibqa’ fis-seħħ u jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza; u wkoll

(c) Tikkonfermaha f’dik il-parti fejn ordnat il-ħruġ ta’ ordni ta’ trażżin fis-sensi tal-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali skont kif imsemmi fis-sentenza appellata.

Aaron M. Bugeja
Imħallef